## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 03 ta' Frar 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR WARREN GALEA)**

**VS**

**OLEKSANDR FADIEIEV**

**ROMAN SIENCO**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Oleksandr Fadieiev** ta' 41 sena ġenituri mhux magħrufa, imwieled ġewwa l-Ukraina fit-30 ta' Novembru 1983 u mingħajr residenza fissa u detentur tal-passaport Ukren bin-numru FH957621 u fil-konfront tal-akkużat **Roman Sienco** ta' 34 sena, ġenituri mhux magħrufa imwieled ġewwa l-Ukraina fid-29 ta' Lulju 1990 u mingħajr residenza fissa u detentur tal-passaport tal-Moldova bin-numru AP0738858 u akkużati tallli nhar it-02 ta' Frar 2025 għall-ħabta ta' bejn 00:30hrs u 01:30hrs ta' filgħodu fl-inħawi ta' Triq in-Nakkri, San Pawl il-Baħar u/jew fi bnadi oħra fil-gżejjer Maltin;

1. Volontarjament ħassartu jew għamiltu ħsara jew għarraqtu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal aktar minn € 250 iżda' anqas minn € 2,500 għad-dannu ta' diversi persuni u dan bi ksur tal-Artikoli 325(1) (b) tal-kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

2. Irrifjutajtu li tagħtu jew tajtu il-partikularitajiet tagħkom foloz jew mhux sew lil uffiċjali pubbliku jew lil wieħed ieħor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku meta dawn talbuhomkom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur tal- Artikolu Art.338(g) tal- Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll lil Roman Sienco waħdu nakkużah talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi;

3. F'lok pubbliku jew f post miftuħ għal-pubbliku, kont fis-sakra b'mod li ma kontx tista' tieħu ħsieb tiegħek innifsek u dan bi ksur tal-artikolu 338(ff) Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta ħtija l-akkużati iħallsu għad-danni ikkaġunati minnhom għat-termini tal-artiklu 532A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużati rreġistraw ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi dakinhar tat-2 ta’ Frar 2025, l-akkużati kienu qegħdin fi Triq in-Nakkri, San Pawl il-Baħar u kienu qed jipprovaw jifħtu l-vetturi li kienu pparkajti. Wieħed minnhom kellu qisu ħadida twila f’idejh. Meta marru l-pulizija fuq il-post sabu li din il-ħadida kienet, filfatt, tlett wiper blades, liema wiper blades inqalgħu minn tlett vetturi separati li kienu pparkjati fl-imsemmija triq. Roman Sienco instab li kien fi stat ta’ sokor u anke ngħata l-attenzjoni medika. L-akkużati kkowoperaw mal-pulizija u ammettew l-involviment tagħhom mal-ewwel.

Illi minn aktar investigazzjonijiet irriżulta illi l-vettura bi-numru ta’ reġistrazzjoni CCH-352 kienet reġistrata fuq Charles Tong, iżda wżata minn Julie Fenech u sofriet €20 ħsara; il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni CBS-534 hija reġistrata fuq is-soċjetà CH Formosa Ltd u sofriet danni fl-ammont ta’ €60 filwaqt li l-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni JWM-626 hija reġistrata fuq Jovana Dukic u sofriet danni fl-ammont ta’ €260, peress li windscreen tagħha wkoll sofra xi danni.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużati ammettew l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħhom, il-Qorti m’għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużati ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħhom kif minnhom ammessi. Jirriżulta li skonthom, huma kienu Malta fuq btala u kienu qed jgħixu flimkien.

Illi huwa prinċipju legali li l-istat ta’ sokor ma jservi ta’ ebda skużanti għat-twettiq ta’ reat, ħlief f’ċerta ċikorstanzi limitati ħafna. F’dan il-każ m’hawn ebda ċirkostanza li timmilita a favur l-iskużanti ta’ sokor. Di più, il-Qorti tagħmilha ċara li dan l-aġir m’’huwiex se jkun tollerat u li kull min iżur lill-Malta, għandu jirrispetta l-liġijiet tal-pajjiż.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din hija l-ewwel darba li l-akkużati xellfu diffrehom mal-liġi u li huma kkowoperaw bis-sħiħ mal-pulizija u anke ammettew l-involviment tagħhom fi stadju bikri ta’ dawn il-proċeduri.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 325(1)(b), 338(g) u 338(ff) tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħhom, qed issib lil **Oleksandr Fadieiev __ħati__** tal-ewwel u t-tieni akkużi miġjuba u lil **Roman Sienco __ħati__** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannhom għal piena ta' disa' (9) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li din il-piena ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' tlettax-il (13) xahar mil-lum, jikkommettu reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija;

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilità tagħhom taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huma, jew min minnhom, jikkommettu reat li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tordna lill-ħajta, *in solidum*, sabiex iħallsu (i) s-somma ta' €20 lil Charles Tong, jew Julie Fenech għan-nom tiegħu; (ii) s-somma ta' €60 lir-rappreżentant tas-soċjetà CH Formosa Ltd; u (iii) s-somma ta' €260 lil Jovana Dukic u dan fi żmien xahar (1) mid-data ta' din is-sentenza u dan ai termini tal-Artikolu 28H(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijie ta' Malta. Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H(8) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar ir-responsabbiltà tagħhom taħt dan l-artikolu jekk huma, jew min minnhom, jonqsu li jikkonformaw ruħhom ma' din il-Ordni.

Illi finalment, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma ġew nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**